# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001**

**Numru 11**

**Rikors Nru. 467/94 GV**

**Mario Cutajar fil-kwalita' tieghu ta' Direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' "Cutajar Limited" u b'nota prezentata fis-17 ta' Marzu, 1994, Patrick Gatt assuma l-atti tar-Rikors ghan-nom u in rapprezentanza ta' "Cutajar Limited" debitament awtorizzat minflok Mario Cutajar stante li Mario Cutajar jinsab temporanjament assenti minn Malta, u b'nota tat-23 ta' Marzu, 1994, Mario Cutajar rega' assuma l-atti tar-Rikors ghan-nom "Cutajar Limited" wara li rritorna Malta.**

**vs**

**Il-Kummissarju ta' l-Art, id-Direttur tax-Xogholijiet u l-Ministru ta' l-Ambjent**

## Ir-rikors promutur

Is-socjeta' rikorrenti pprocediet kontra l-intimati bis-segwenti rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali b'ilment dwar allegata lezjoni tal-jedd taghha kif protett fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protocol fil-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

> "Ir-rikorrent espona illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja ta' bicca art fabbrikabbli tal-kejl cirka sitt mija, tlieta u tmenin punt sebgha sebgha metri kwadri (683.77) formanti parti mill-ghelieqi "Tal-Frisk", sive "Tal-Lembuba" sive "Tal-Barumbara" fi Psaila Street, kantuniera ma' trejqa li ma tinfidx prolongazzjoni ta' Triq il-Harrub kontrada ta' Misrah il-Barriera, limiti ta' Santa Venera (Dokument "A");
>
> Illi din l-art hija vicin ghal bicca art ohra fl-imsemmija trejqa li ma tinfidx appartenenti lis-socjeta' Golden Shepherd Group Ltd. u li fuqha din l-ahhar imsemmija socjeta' ser tibni u tmexxi sptar privat maghruf bhala "St. Philip Private Hospital";
>
> Illi l-applikazzjoni ghall-bini ta' dan l-isptar privat giet approvata dment illi l-entratura minn Psaila Street titwessa' u ghal dan il-ghan fil-Gazzetta tal-Gvern tas-sittax (16) ta' Frar, 1994, f'pagna 1788, giet ippubblikata Ordni ta' Esproprijazzjoni li ggib id-data tad-disgha (9) ta' Frar, 1994 (Dokument "B") li permezz taghha gie mgharraf li giet esproprijata bicca art tal-kejl ta' ghoxrin (20) metru (20) metru kwadru mill-art fuq imsemmija proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti;
>
> Illi kontrarjament ghal dak li hemm dikjarat fil-fuq imsemmija Ordni, din l-esproprijazzjoni mhix qed issir ghal skop pubbliku kif hemm mahsub fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix qed issir fl-interess pubbliku izda sabiex jigi akkomodat l-interess purament privat ta' Golden Shepherd Group Ltd., fl-investiment progettat taghha;

Illi dan imur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Libertajiet Fondamentali;

Ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-esproprjazzjoni ta' ghoxrin (20) metru kwadru mill-imsemmija bicca art proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti tal-kejl cirka 683.77 metri kwadri formanti parti mill-ghelieqi "Tal-Frisk", sive "Tal-Lembuba" sive "Tal-Barumbara" fi Psaila Street, kantuniera ma' trejqa li ma tinfidx, prolongazzjoni ta' Triq il-Harrub, kontrada ta' Misrah-il Barriera fil-limiti ta' Santa Venera mhix ghal skop Pubbliku u ghalhekk tmur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

2. Konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess Ordni ta' Esproprjazzjoni;

3. Taghti kwalunkwe rimedju iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz skond il-ligi; u

4. tordna li 'pendente lite' l-intimati jew min minnhom jigu mizmuma milli jaghmlu jew jippermettu kwalunkwe xogholijiet in konsegwenza ta' l-imsemmija ordni ta' esproprjazzjoni".

## Risposta

L-intimati hekk irrispondew ghar-rikors promotur:-

"1. Preliminarjament, kwantu issa assunt minn Patrick Gatt ir-rikors huwa irritwali stante li r-rikorrent l-istess Patrick Gatt m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta' 'Cutajar Ltd.", u dan kif jirrizulta wkoll mir-records tar-Registratur tas-Socjetajiet, skond liema records ir-rapprezentanza tas-socjeta' msemmija hija vestita esklussivament fil-persuna ta' certu Mario Cutajar - l-uniku Direttur tas-Socjeta'.

2. Preliminarjament ukoll illi s-socjeta' rikorrenti trid tipprova li hija proprjetarja ta' l-art de quo.

3. Illi l-esponenti jixtiequ jelenkaw u jiccaraw il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza li huma s-segwenti:

i. Illi meta l-Gvern esproprija l-art biex saret Psaila Street, u cioe' fis-7 ta' Mejju, 1975, (Gazzetta tal-Gvern 16.05.75) apparti l-art fejn attwalment saret it-triq, kienet giet ukoll esproprijata strixxa ta' art adjacenti (matul it-triq kollha) li fuqha hemm l-ilqugh ta' l-istess Psaila Street.

ii. Illi ricentement inhareg permess ghall-bini ta' sptar fuq art privata kontigwa ma' l-art li r-rikorrent jallega li hi tieghu u b'access minn Carob Street li hija triq pubblika.

iii. Illi, naturalment, kemm fil-process tal-kostruzzjoni ta' l-isptar, kif ukoll fil-funzjonament tieghu meta jitlesta ser ikun hemm zieda fic-cirkolazzjoni tat-traffiku fl-inhawi u ghalhekk huwa mehtieg u fl-interess pubbliku li jsir twessiegh tat-triq pubblika in kwistjoni.

iv. Illi skond il-kodici ta' ligijiet tal-pulizija huwa d-Direttur Generali tax-Xogholijiet li jiddetermina l-wisa' tat-toroq.

v. Illi r-riferenza ghal dan it-twessiegh ta' triq pubblika fil-permess tal-bini ta' l-isptar saret biex l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tassigura li dan it-twessiegh ikun sar qabel ma jibda x-xoghol ta' kostruzzjoni ta' l-isptar u dan a skans ta' kongestjoni ta' traffiku li ser jizdied anki waqt ix-xoghol ta' kostruzzjoni ta' l-isptar. Dan l-iskop hu ovvjament pubbliku.

vi. Illi biex isir dan it-twessiegh kien hemm bzonn li, apparti l-art diga' esproprjata fl-1975, tittiehed ukoll bicca art zghira ta' xi ghoxrin metru kwadru - u cioe' daqs zewgt ikmamar normali. Din l-art giet debitament esproprijata permezz ta' dikjarazzjoni tal-President pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1994.

vii. Ghalhekk irid jinghad illi l-parti l-kbira tat-twessiegh huwa fuq art li kienet giet esproprijata fl-1975 u cioe' ferm qabel ma saret it-talba ghall-permess ghall-bini ta' l-isptar imsemmi.

viii. Illi l-art kollha esproprijata ser tintuza ghat-twessiegh ta' triq pubblika u ser tibqa' proprjeta' pubblika u mhux ser tigi trasferita lil terzi.

ix. Illi dan il-process ta' formazzjoni u twessiegh ta' toroq pubblici huwa mill-izjed normali u jifforma parti mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-pajjiz.

4. Illi l-esponenti jirrifjutaw bhala infondati l-allegazzjonjiet tar-rikorrent fis-sens li l-agir taghhom jivvjola l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Illi kwantu bazati fuq l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni t-talbiet tar-rikorrent huma inattendibbli kemm ghax l-art in kwistjoni ittiehdet ghal skop pubbliku kif ukoll, sussidjarjament, ghax ghat-talbiet tar-rikorrent taht l-Artikolu 37 jostaw id-dispozizzjonjiet ta' l-Art 47 (9) tal-Kostituzzjoni.

Illi kwantu bazati fuq l-Art 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm ghax l-art in kwistjoni ittiehdet ghal skop pubbliku kif ukoll peress illi l-interpretazzjoni li l-attur qed jaghti lill-imsemmi artikolu tmur kontra l-filosofija tad-decizjonijiet kostanti tal-Qorti Ewropeja f'materja ta' espropriju (vide kazijiet ta' James and Others vs. UK – Qorti Ewropeja 21.02.1986 paragrafi 9 u 45; Sporring and Lonroth judgment – Qorti Ewropeja 23.09.1982 paragrafu 69; Lithgrow and Others vs UK – Qorti Ewropeja 08.07.1986; Scotts of Greenock Ltd. and Lithgrow Ltd. vs. UK – Kummissjoni Ewropeja 17.12.1987 (Dec. Nru. 9482/811).

Di piu' u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi peress t-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni ghad irid isir, l-azzjoni kwantu bazata fuq il-kuncett ta' l-espropriju hija wkoll intempestiva billi dak li hemm f'dan l-istadju huwa biss kontroll ta' uzu ta' proprjeta' u mhux esproprju.

Il-kontroll ta' uzu ta' proprjeta' jaqa' espressament barra l-ambitu ta' l-Art 1 ta' l-Ewwel Protocol ghall-Konvenzjoni Ewropeja.

Salvi eccezzjonijiet ohra".

"1. Preliminarjament, ir-rikors huwa irritwali stante li r-rikorrent, l-istess Patrick Gatt, m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta' 'Cutajar Ltd.' u dan kif jirrizulta wkoll mir-records tar-Registratur tas-Socjetajiet, skond liema records ir-rapprezentanza tas-socjeta' msemmija hija vestita esklussivament fil-persuna ta' certu Mario Cutajar – l-uniku Direttur tas-Socjeta'.

2. Preliminarjament ukoll illi s-Socjeta' rikorrenti trid tipprova li hija proprjetarja ta' l-art de quo.

3. Illi l-esponenti jixtiequ jelenkaw u jiccaraw il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza li huma s-segwenti;

i. Illi meta l-Gvern esproprija l-art biex saret Psaila Street u cioe' fis-7 ta' Mejju, 1975 (Gazzetta tal-Gvern 16.05.75) apparti l-art fejn attwalment saret it-triq, kienet giet ukoll esproprijata strixxa ta' art adjacenti (matul it-triq kollha) li fuqha hemm l-ilqugh ta' l-istess Psaila Street.

ii. Illi ricentement inhareg permess ghall-bini ta' sptar fuq art privata kontigwa ma' l-art li r-rikorrent jallega li hi tieghu u b'access minn Carob Street li hija triq pubblika.

iii. Illi, naturalment, kemm fil-process tal-kostruzzjoni ta' l-isptar, kif ukoll fil-funzjonament tieghu meta jitlesta ser ikun hemm zieda fic-cirkolazzjoni tat-traffiku fl-inhawi u ghalhekk huwa mehtieg u fl-interess pubbliku li jsir twessiegh tat-triq pubblika in kwistjoni.

iv. Illi skond il-kodici ta' ligijiet tal-pulizija huwa d-Direttur Generali tax-Xogholijiet li jiddetermina l-wisq' tat-toroq.

v. Illi r-riferenza ghal dan it-twessiegh ta' triq pubblika fil-permess tal-bini ta' l-isptar saret biex l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tassigura li dan it-twessiegh ikun sar qabel ma jibda x-xoghol ta' kostruzzjoni ta' l-isptar u dan a skans ta' kongestjoni ta' traffiku li ser jizdied anki waqt ix-xoghol ta' ta' kostruzzjoni ta' l-isptar. Dan l-iskop hu ovvjament pubbliku.

vi. Illi biex isir dan it-twessiegh kien hemm bzonn li, apparti l-art diga' esproprjata fl-1975, tittiehed ukoll bicca art zghira ta' xi ghoxrin metru kwadru - u cioe' daqs zewgt ikmamar normali. Din l-art giet debitament esproprijata permezz ta' dikjarazzjoni tal-President pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 1994.

vii. Ghalhekk irid jinghad illi l-parti l-kbira tat-twessiegh huwa fuq art li kienet giet esproprijata fl-1975 u cioe' ferm qabel ma saret it-talba ghall-permess ghall-bini ta' l-isptar imsemmi.

viii. Illi l-art kollha esproprijata ser tintuza ghat-twessiegh ta' triq pubblika u ser tibqa' proprjeta' pubblika u mhux ser tigi trasferita lil terzi.

ix. Illi dan il-process ta' formazzjoni u twessiegh ta' toroq pubblici huwa mill-izjed normali u jifforma parti mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-pajjiz.

4. Illi t-tnehhija ta' zewg vetturi u container li tqeghdu fuq l-art in kwistjoni abuzivament u bi ksur espress tad-dispozizzjonament penali kontenuti fl-Art. 34 ta' Kap 88 ma saritx illegalment jew unilateralment mill-Pulizija kif huwa insinwat fil-paragrafi 2, 3 u 4 tar-rikors izda saret espressament taht l-Awtorita' tal-Qorti billi saret il-procedura ta' 'repertus' fuq l-oggetti in kwistjoni li jikkostitwixxu 'corpus delicti' fit-termini tal-Kodici Kriminali. Jinghad ukoll li dan il-process sar qabel ma l-esponenti kienu gew notifikati bir-Rikors Kostituzzjonali fuq imsemmi u ghaldaqstant ma sarx 'in lite'.

5. Illi l-mertu tar-rikors in risposta huwa llum ezawrit stante li t-twessiegh tat-triq pubblika in kwistjoni issa sar.

6. Illi l-esponenti jirrifjutaw bhala infondati l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fis-sens li l-agir taghhom jivvjola l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ukoll l-insinwazzjonijiet fis-sens li l-komportament ta' l-Awtoritajiet fil-kwistjoni ma kienx skond il-ligi.

F'din il-kwistjoni l-intimati imxew skrupolozament mal-ligi fit-twettieq tad-doveri taghhom fl-interess pubbliku u t-talba kontenuta fir-rikors in risposta hija, li kwalunkwe kaz, infondata u mill-izjed ingusta ma' l-esponenti li qeghdin iwettqu d-doveri taghhom skond il-ligi".

**Decide**

B'sentenza ta-2 ta' Ottubru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent nomine bl-ispejjez kontra tieghu.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Ir-rikorrent qed jilmenta li d-drittijiet fondamentali tieghu gew lesi billi l-esproprjazzjoni li saret ta' l-art tal-kumpanija tieghu ma saritx fl-interess pubbliku izda biex jinqdew interessi privati f'dan il-kaz ta' l-Isptar St. Philip. Minflok ma l-isptar xtara l-bicca art li kienet necessarja biex jitwessa l-isqaq li jaghti access ghal isptar minghandu, il-Gvern esproprija din il-bicca art ghalihom.

Ir-rikorrent ghalhekk qed jitlob li jigi deciz li l-esproprijazzjoni in kwistjoni ma saritx ghal skop pubbliku u ghalhekk tmur kontra l-provvediment ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu ta' l-ewwel protokol li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

**Raba' talba**

Dwar ir-raba talba fejn ir-rikorrent talab li l-Qorti tordna li "pendente lite" l-inttimati jigu mizmuma milli jaghmlu jew jippermettu kwalunkwe xogholijiet in konsegwenza ta' l-imsemmija ordni ta' esproprijazzjoni, jigi rilevat li f'dan l-istadju m'hemmx lok li jinghata provvediment fuqha billi pendente lite l-Isptar inbena u triq twessghet.

**Eccezzjonijet preliminari**

L-intimati qed jeccepixxu

(1) l-illeggittimita' tal-persuna ta' Philip Gatt;
(2) li r-rikorrent irid jipprova t-tiktolu tieghu ghall-art in kwistjoni.

Dwar dawn iz-zewg eccezzjonijet l-intimati, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom a fol 362 qalu li huma mhux ser jinsistu fuq dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

**Intempestivita' ta' l-azzjoni tar-rikorrent**

L-intimati eccepew ukoll li t-trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni ghad trid isir, u ghalhekk l-azzjoni hija intempestiva billi f'dan l-istadju hemm biss kontroll ta' uzu ta' proprjeta' (Ara artikolu 12 (3) tal-Kap 88) u mhux esproprju vera u proprju u ghalhekk dan jaqa' barra l-ambitu ta' l-art 1 ta' l-ewwel Protokol.

Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Onor. Perit D. Mintoff et vs. Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti

Kostituzzjonali fit-tletin (30) ta' April, 1996 fejn dik il-Qorti wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja in materja ta' protezzjoni tad-dritt ta' proprjeta' kif stipulat fl-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol Addizzjonali ghall-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet ta' l-Individwu, waslet biex siltet diversi principji fosthom dan li gej u cioe':

"L-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprijazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprijazzjoni "de facto" u cioe', kif intqal fil-kaz tga' Fredin, f'dawk ic-cirkostanzi li fis-sustanza jekwivalu ghal esproprijazzjoni".

Din is-sentenza kompliet tghid:

"Il-Qorti Ewropeja estendiet il-protezzjoni tal-Protokol - anke jekk mhux necessarjament f'kull kaz akkordat it-talba ta' l-applikant - mhux biss ghall-kazijiet fejn kien hemm esproprijazzjoni vera u propja, mhux biss ghall-kazijiet fejn kien hemm esproprijazzjoni "de facto", izda anke ghall-kazijiet fejn jirrizulta "control of the use of property". B'mod partikolari mbagbhad, meta l-Qorti Ewropeja taghmel emfasi li anke it-tieni paragrafu ta' l-Artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokol Addizzjonali irid jinqara fl-ispirtu ta' l-ewwel paragrafu li jittutela d-dritt tal-proprjeta', wiehed m'ghandux ghalfejn imur oltre. Dan ghax skond l-istess sentenzi, anke f'kazijiet ta' tali kontroll mehtieg fl-interess pubbliku, fejn l-istat ghandu margini lat ta' diskrezzjoni, huwa fondamentali li jintlahaq dak il-bilanc, dak l-ekwilibriju, bejn l-interessi generali tal-kommunita' u d-drittijiet fondjarji ta' l-individwu, u b'mod li jkun hemm proporzjon ragjonevoli bejn il-emezzi adoperati u l-iskop persegwit".

Fil-kaz in ezami ma kienx hemm biss "control of the use of property" tal-kumpanija tar-rikorrent, imma ttiehed il-proprjeta' taghha u sar it-twessiegh tat-triq biha. *It was not simply a measure "to control the use of property" but it was definitely a deprivation of property*.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni ta' intempestivita sollevata mill-intimati ma tistax tigi akkolta.

**Art 37 tal-Kostituzzjoni**

Dan l-artikolu jitkellem dwar *protection from deprivation of property without compensation.*

*(1) No property of any description shall be compulsorily* taken possession of, and no interest in or right over property of any description shall be compulsorily acquired, except where provision is made by a law applicable to that taking of possession or acquisition;

(a) for the payment of adequate compensation.

**Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:**

*Nothing in Section 37 of this Constitution shall affect the operation of any law in force immediately before 3rd March, 1962 or any law made on or after that date that amends or replaces any law in force immediately before that date (or such a law as from time to time amended or replaced in the manner described in this subsection) and that does not...............*

Fir-risposta taghhom l-intimati sostnew li l-art kollha esproprijata, kemm dik li giet esproprijata fl-1975 u dik ricenti ser jintuzaw ghat-twessiegh ta' triq pubblika u ser tibqa' proprjeta' pubblika u mhux ser tigi trasferita lil terzi.

Ghalhekk l-intimati qed isostnu li kwantu ghat-talba bazata fuq l-Art 37 tal-Kostituzzjoni, it-talbiet huma inattendibbli ghax l-art ttiehdet ghal skop pubbliku u, sussidjarjament, ghax ghat-talbiet tar-rikorrent jostaw id-disposizzjonijet ta' l-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni.

L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli f'dana l-kaz billi l-artikolu hu intiz ghal dawk il-kazijiet meta ssir esproprijazzjoni minghajr ma jinghata kumpens mentri f'dan il-kaz l-art giet esproprijata izda minhabba l-proceduri kostituzzjonali prezenti ma setghax jinghata bidu ghall-process tal-hlas tal-kumpens.

**Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol**

L-intimati qed jissottomettu li kwantu l-esproprijazzjoni hi bazata fuq l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol, l-art ittiehdet ghal skop pubbliku, u l-interpretazzjoni li qed jaghti r-rikorrent lill-imsemmi artikolu jmur kontra l-filosofija tad-decizjonijiet kostanti tal-Qorti Ewropeja f'materja ta' esproprju.

Dan l-artikolu li jitkellem dwar the right to peaceful enjoyment of possessions jghid hekk:

Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.

The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a state to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.

Dan l-artikolu gie interpretat li jikkomprendi tlett regoli distinti.

First, it states the principle of peaceful enjoyment of property.

Second, it regulates the conditions to which the deprivation of possessions is subjected.

Third it contains the recognition that states are entitled to control the use of property in accordance with the general interest.

(Sporrong and Lonnroth (1982); James and Others (1985); Lithgow and Others (1986) Agosi (1986) Erkner and Hofauer (1987) Poiss (1987).

Ghal dak li jirrigwarda t-talba kwantu bazata fuq l-art 1 ta' l-ewwel Protocol, il-gudikant ghandu l-ewwel jiddeciedi jekk effettivament kienx hemm esproprijazzjoni vera u proprja kif ukoll "de facto" jew inkella thalliex integru d-dritt ta' proprjeta', pero' saret ingerenza u interferenza fid-dgawdija pacifika ta' l-istess.

Sussegwentement il-gudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taht kundizzjonijiet ben definiti bil-ligi.

Fl-ahhar nett ghandu jigi rikonoxxut lill-istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-uzu tal-proprjeta' in konformita' ma' l-interess generali. F'dan l-ezercizzju, specjalment f'dak finali, l-istat ghandu jgawdi margini lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero', entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm dak il-proporzjon li ghalih jaghmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod illi min ikun sofra ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta' tieghu ma jkunx gie assoggettat ghal sagrificcju partikolari (Kaz ta' Mintoff fuq kwotat).

Dwar l-ewwel konsiderazzjoni f'dan il-kaz diga' gie deciz li kien hemm esproprijazzjoni de facto tal-proprjeta' tas-socjeta' attrici, ghalkemm l-esproprijazzjoni vera u proprja ghadha ma saritx.

Dwar il-kwistjoni jekk esproprijazzjoni tkun saret fl-interess pubbliku, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem elaborat il-veduti taghha fuq il-bilanc bejn l-interess pubbliku u l-interess privat fil-kazijiet Lithgow and Others vs. U.K. (1987) and James and Others vs. U.K. (1986). Il-Qorti qalet:

The notion of "public interest is necessarily extensive.......The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies

should be a wide one, will respect the legislative's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment will be manifestly without reasonable foundation.

Regarding the meaning of "the public interest" the Court stated:

A deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest.

The Court also held that:

A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in trhe public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken.

L-intimati ssottomettew li skond l-artikolu 6 tal-Kap 88 il-Qorti ma tistax tissindika jekk it-tehid ta' l-art in kwistjoni saritx fl-interess pubbliku ghaliex hija projbita milli taghmel hekk billi d-dikjarazzjoni tal-President hija finali dwar il-prova ta' l-interess pubbliku.

Dwar dan il-punt diga kien hemm diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddecidew il-Kap 88 hu ligi specjali u ma jistax jimponi limitazzjonijiet ghal dan il-prekwizit tal-Konvenzjoni Ewropeja li hija ligi ta' ordni pubblika. L-artikolu 3 (2) ta' l-Att XIV ta' l-1987 jiddisponi li fejn hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, dik il-ligi ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

<u>Ara sentenzi T. Borg vs Seg. Part ghall-Ambjent et 3.5.91 PA.AD u</u>
<u>V. Borg vs Onor. Prim Ministru et 25.7.96 PA VDG.</u>

Deciz dan il-punt, il-Qorti issa tghaddi biex tezamina l-lanjanza principali tar-rikorrent.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jissottometti li l-esproprijazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku izda biex jigu akkomodati interessi privati tal-proprjetarji ta' l-Isptar St. Philip.

Ir-rikorrent ghamel hafna nsistenza fix-xhieda tieghu biex jipprova li l-esproprijazzjoni saret a favur tal-privat billi xehed li meta hu kien ra l-file fid-dipartiment kien ra karta li tindika li l-esproprjazzjoni kienet qeghda ssir “on behalf of third parties”.

L-intimat Tancred Gouder spjega x’inhi l-procedura meta ssir esproprjazzjoni mill-Gvern u kkonferma li hemm procedura specjali meta l-esproprjazzjoni ssir on behalf of third parties. Izda hu qal li f’dan il-kaz ma kienetx “on behalf of third parties” izda saret talba mill-Works Department. Fil-file, specjalment fejn saret l-applikazzjoni u giet registrata ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-esproprjazzjoni kellha ssir on behalf of third parties. (Dok XZ fol 316 immarkat bl-ahdar). Gie spjegat li meta tkun on behalf of third parties, ikun hemm din l-indikazzjoni fir-rapport tal-perit u tkun type written. Hi din li torbot lid-Dipartiment u mhux xi karta inserita fil-file.

Mario Azzopardi u Epifanio Aquilina it-tnejn ikkonfermaw li l-esproprjazzjoni ma saritx on behalf of third parties.

Imbaghad Clement Azzopardi, technical officer fil-Lands Department, li kien kiteb in-notament fil-karta, xehed li l-esproprjazzjoni ma saritx on behalf of third parties ghax kieku kienet tigi segwita procedura differenti minn dik attwalment uzata fil-kaz prezenti. Fit-talba tal-public works ma kienx hemm li l-esproprjazzjoni kellha ssir ghat-third parties. Jiftakar li hu kien cempel lil tal-Planning Area, lil certu David Zerafa, u nizzel fuq bicca karta l-informazzjoni li dan kien ghaddielu. Kien qallu li P. Cutajar kien qed joggezzjona u li certu Bianchi kien applika ghall-Isptar. Nizzel it-telephone number tieghu. Hu mbaghad pprova jcempillu izda ma qabdux. Ghalhekk annetta dina n-nota fil-file. Fil-bidu hu kien nizzel bhala owners ta’ din l-art lil Bianchi mbaghad meta ma qabdux bit-telephone biddlu ghal P. Cutajar.

Il-karta li kien nizzel bil-kliem Bianchi on behalf of St. Philip Hospital kienet intiza ghal PAPB, u mhux biex l-esproprjazzjoni ssir on behalf of Bianchi. Il-kart mbaghad ma sabiex fil-file. Hu suppost li ma dahhalx din il-karta fil-file billi ma kienetx minuta tal-file. Dan gie kkofnermat mix-xhud Gouder.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi fuq dana l-punt li l-esproprjazzjoni ma kienetx saret bil-procedura ta’ u on behalf of third parties.

Ir-rikorrent jinsisti li anke jekk l-esproprjazzjoni ma saritx formalment on behalf of third parties fil-fatt bl-esproprjazzjoni ser

igawdi biss il-privat – cioe' l-Isptar St. Philip. L-esproprjazzjoni la saret fl-interess pubbliku u lanqas ghal skop pubbliku.

Il-Qorti mhix ser tidhol fid-distinzjoni bejn interess pubbliku u skop pubbliku li semmew il-partijiet fin-noti taghhom billi ghal dan il-kaz ma taghmilx differenza.

Il-ligi tiddefinixxi x'inhu skop pubbliu fl-art 2 tal-Kap 88 inter alia, "skop pubbliku" ifisser kull skop li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gven sew jekk le) jew ma' jew ghall-ippjanar ta' l-ibliet...."

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodott, tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt l-esproprjazzjoni saret ghal skop pubbliku.

Il-Perit Lino Zammit xehed li huma kontinwament jaghmlu esproprjazzjoni ta' art minhabba li toroq ikollhom bzonn jinbidlu minhabba zvilupp li jkun qed isir, primarjament mill-privat. Fejn jinbnew private estates huma jkollhom domandi biex iwessghu t-triqat u mbaghad jesproprjaw u generalment igawdi minnhom il-privat. Hafna esproprjazzjonijiet jibbenefikaw lill-privat ez. fabbriki, housing estates, triqat u jippregudikaw lil dak li jkollu l-art. Ghalhekk il-Ligi tipprovdi li ghandu jinghata kumpens bhala rimedju.

Illi skond l-ittra esebita a fol 333 jirrizulta li t-triq kienet wahda pubblika u kellha tibqa' wahda pubblika. L-art in kwistjoni li ttiehdet mill-Gvern ma kienetx ser tinghata lill-privat ghall-uzu esklussiv tieghu ghalkemm hu kien ser igawdi indirettament minn dana t-twessiegh.

L-intimati ssottomettew li fil-vicinanzi kien hemm xi proprjeta' ohra privata (bhal ghelieqi, barumbara u xi garages) li se jibbenefikaw ukoll minn din it-triq. Hawnhekk tqum id-domanda kemm setghu l-proprjetarji ta' l-isptar jitolbu li jixtru art pubblika meta hemm persuni ohra li jridu jaghmlu uzu minn din it-triq.

Jigi rilevat li dan it-twessiegh hu in parti fuq esproprjazzjoni antika u parti fuq l-esproprjazzjoni l-gdida li saret. Jidher ghalhekk li diga' kien hemm minn xi zmien ilu (1975) l-intenzjoni li jsir xi twessiegh u zvilupp f'dawk l-akkwati.

L-intimati xehdu li dak li sar sar a beneficcju taz-zieda fic-cirkolazzjoni tat-traffiku f'dawk l-inhawi minhabba l-progett ta' l-

isptar. It-triq ma kienetx parti mill-progett ta' l-isptar. L-esproprjazzjoni saret fl-interess pubbliku biex tigi agevolata c-cirkolazzoni tal-vetturi fil-vicinanzi ta' l-isptar kemm fit-triq li taghti access ghall-isptar kif ukoll fi Psaila Street, minn fejn it-traffiku jrid johrog. Skond il-Perit Lino Zammit, Direttur tad-Dipartiment tat-toroq, kif kienet il-junction kien perikoluz ghax min johrog imur kontra l-flow tat-traffic.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-wessiegh tat-triq ghalhekk kien necessarju ghall-uzu pubbliku in generali, ghall-interess jew qadi tal-pubbliku u ghall-ippjanar ta' l-ibliet skond id-definizzjoni fuq imsemmija.

Stabbilit li kien hemm interess pubbliku meta saret l-esproprjazzjoni l-Qorti ma tistax tieqaf hemm. Hi trid tara, li l-intimati mxew entro l-limiti li jassikuraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit hemm proporzjon.

Kif jiktbu l-awturi P. Van Dijk u G.J.H. Van Hoof fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights fol 461 Second Edition:

"The deprivation of property, even if it has a legitimate aim in the public interest, is a violation of Article 1 when there is no reasonable proportionality between the interference with the individual's rights and the objectives of public interest. (James & Others). For the same reason the Court examined whether a disproportionate or excessive burden had been imposed on the individual".

Dan il-principju gie segwit fil-kawza li diga saret riferenza ghaliha, Mintoff vs Prim Ministru et, fejn il-Qorti qalet:

'Skond il-principji li jirregolaw il-kuncett ta' protezzjoni ta' dritt ta' proprjeta', kemm kif interpretat u applikat minn dawn il-qrati u aktar u aktar mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg, mhux bizzejjed li l-esproprjazzjoni ssir fl-interess pubbliku, izda hu necessaru li dan m'ghandux isir a skapitu ta' persuna/i b'mod li jigi mpost fuqu/hom piz partikolari u eccessivi".

Fuq dana l-punt ir-rikorrent qed jissottometti li l-Gvern kellu proprjeta' ohra n-naha l-ohra tat-triq li seta' jaghti lill-isptar. L-isqaq setgha jitwessa mill-Gvern billi juza art tieghu stess.

Dwar dana l-punt xehed il-Perit Zammit u qal li:

> "Ahna hadna konsiderazzjoni jekk setghetx tigi esproprjata l-art li kienet in-naha l-ohra. Ahna kkonsidrajna dan il-fatt, pero' dehrilna li jekk nesproprjaw dik l-art il-problema kienet taggrava ruhha billi tigi kontra kull sens ta' traffic engineering" p.329.
>
> Anke l-awtorita' ta' l-Ippjanar jidher li qablet ma' din is-soluzzjoni.
>
> Fi kwistjonijiet bhal dawn l-awtoritajiet amministrattivi huma n-nies kompetenti biex jiehdu decizjonijiet simili u l-Qorti kemm jista' jkun ma tindahalx sakemm ma jirrizultax li kien xi zball manifest.
>
> Fil-kazi n ezami ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li kien hemm proporzjon bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit. Fl-ahhar mill-ahhar ir-rikorrent ser jigi kompensat u jithallas tal-bicca art li hu kellu, ghalkemm forsi mhux daqs kemm xtaq hu kieku innegozjaha direttament ma' l-Isptar".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Is-socjeta' rikorrenti appellat minn din is-sentenza b'aggravju li sostanzjalment jirribadixxi l-permessi ghat-talba taghha fir-rikors promutur u l-argumentazzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti anke fin-nota ta' sottomissjonijiet. Issostni allura illi l-esproprjazzjoni ta' l-ghoxrin metru kwadru art ma saritx ghal skop pubbliku. Ma saritx fl-interess pubbliku izda saret biex jinqdew interessi privati.

L-ewwel aggravju kien fir-rigward ta' dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti illi l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami billi l-artikolu kien intiz ghal dawk il-kazijiet meta ssir esproprjazzjoni minghajr ma jinghata kumpens, mentri f'dan il-kaz l-art kienet giet

esproprjata. Dan bil-konseqwenza li tali kumpens ma` kienx inghata ghax ma setghax jibda l-process tal-likwidazzjoni tieghu propju minhabba din il-procedura. Il-qofol ta' l-aggravju ta' l-appellant hu pero` propju l-kwistjoni jekk l-esproprjazzjoni saritx ghal skop pubbliku jew le. L-appellant jissottometti li l-esproprjazzjoni saret biex takkomoda imprenditur privat. Infatti gie stabbilit li fil-file tad-Dipartiment ta' l-Artijiet hemm espressament indikat illi t-tehid tal-proprjeta' sar bhala "Expropriation on behalf of third parties". L-art effettivament giet utilizzata biex titwessa' t-triq u tipprovdi access ahjar ghal sptar li kien kollu kemm hu ta' proprjeta' privata, intiz bhala operazzjoni kummercjali bil-ghan ta' profitt.

L-appellanti jistriehu nfatti fuq l-insenjament fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar" deciza fit-30 ta' Dicembru, 1994. F'dik il-kawza din il-Qorti rriteniet illi r-rekwizizzjoni ta' dar residenzjali biex tinghata ghall-uzu ta' kazin ma kienetx saret fl-interess pubbliku. Irriteniet illi l-interess pubbliku qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. "L-interess huwa dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghal generalita' tac-cittadini, ta' l-universalita' tal-pubbliku u l-Istat". Irriteniet illi jekk ma jkunx hemm limiti ghall-kuncett ta' l-interess pubbliku, dan allura l-interess pubbliku jista' jintuza biex jimmina d-drittijiet fondamentali u l-libertajiet tal-bniedem kif protetti bil-Kostitizzjoni. It-tezi ta' l-appellant hi li, kuntrarjament ghal

dak li qalet l-ewwel Qorti, it-triq li parti minnha effettivament saret minn fuq proprjeta' esproprjata mis-socjeta' rikorrenti, kienet parti minn progett ta' l-isptar. Infatti jirrizulta li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kienetx ser tohrog il-permess ghall-bini ta' l-Isptar li kieku l-entratura ghalih ma twessghetx kif fil-fatt twessghet billi giet utilizzata art espropriata minghand is-socjeta' appellanti. Dan ifisser li minflok ma s-socjeta' zviluppatrici ta' l-Isptar innegozjat u xtrat minghand l-appellant nomine l-art li kien jehtigilha ghat-twessiegh tat-triq, hi mmanuvrat li takkwista dik l-entratura mehtiega permezz ta' ordni ta' espropriazzjoni maghmula mill-intimati unikament fl-interess taghha. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju. Tikkonsidra s-segwenti:-

a) Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk imemxxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zvilupp ta' interess pubbliku.

b) Wisq anqas jista' jkun hemm dubbju illi l-holqien u l-kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita' fl-uzu ta' toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta' l-attivita' ta' l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setghax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta' l-awtoritajiet kompetenti citati f'din l-istanza.

c) Certament ma seta' jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta' indole pubblika, kif ukoll ta' indole privata, ghaliex dan kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz. Dritt dan ta' l-Istat illi seta' jezercita, kif spiss ezercita, tramite l-mizura ta' l-esproprjazzjoni ta' art privata. Infatti hu ovvju illi hi spiss, jekk mhux dejjem, ir-regola li bil-ftuh ta' toroq mibnija tramite l-esproprjazzjoni u tramite l-investiment ta' l-erarju pubbliku li jinghata servizz billi jinfethu ghall-izvilupp proprjetajiet tal-privat. Infatti, fil-kaz taht ezami, mhux eskluz, illi bhala konsegwenza diretta ta' l-esproprjazzjoni ta' l-art in kwistjoni u ta' l-izvilupp tat-toroq fl-inhawi tal-proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti, l-istess socjeta' rikorrenti gawdiet, u mhux bi ftit, inkwantu il-pjan regolatur irrenda dik l-istess proprjeta', li

taghti ghal fuq jew tmiss ma` dawn it-toroq progettati u rejalizzati, zviluppabbli fil-qafas tal-pjan regolatur ghall-inhawi. Hu infatti sinifikattiv li l-istess socjeta' appellanti ma toggezzjonax ghall-esproprju ta' proprjeta' ohra taghha jew ta' l-aventi kawza taghha biex giet formata u kostruwita Psaila Street, u li allura rrendiet fabrikabbli l-proprjeta' taghha b'vantagg ekonomiku kbir ghaliha. Qeghda pero` toggezzjona ghall-fatt li ghoxrin metru kwadru ta' art taghha gew ukoll fl-istess inhawi esproprjati biex jiffacilitaw access ghall-pubbliku in generali lejn, u minn, sptar privat li kien ser iservi l-htigijiet medici tieghu. Anke minn dan tohrog manifesta l-inattendibilita' ta' l-aggravju tas-socjeta' appellanti, ghaliex donnha tippretendi li l-Istat kellu jirrallenta l-attwazzjoni tal-politika tieghu fil-qasam mediku bl-estensjoni ghas-servizzi provduti mill-privat pendenti negozjati dwar feles ta' art li finalment, kif fil-fatt gara, kellu jintuza biss ghall-formazzjoni ta' triq pubblika.

Il-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest" . Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, <u>depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".</u> Din l-enuncjazzjoni ta'

principju fil-kawza "James and others (1986)", giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken". Kien ghalhekk ukoll illi filwaqt illi l-principju rikonoxxut mill-organi gudizzjarji ewropej kien illi "the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a disproportionate interference, legitimate objectives of "public interest" such as pursued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than the reimbursement of the full market value".

Hu f'dan imbaghad li jkun inserit l-element ta' proporzjonalita', u cioe' dak il-bilanc li kellu jigi mfittex bejn l-interess partikolari tal-privat biex igawdi il-proprjeta' personali tieghu, u l-interess tal-kollettivita' ghall-gustizzja socjali u ghall-izvilupp ekonomiku essenzjali biex tigi mseddqa proprju din il-gustizzja socjali ghall-gid komuni.

L-appellant jilmenta wkoll illi dan il-principju ta' proporzjonalita' gie malament applikat b'mod negattiv fil-konfront tieghu. Din il-Qorti proprju ma tarax li dan hu l-kaz fil-mertu taht ezami. Jekk xejn, il-mizura ta' l-esproprju ghall-feles ta' art ta' proporzjonijiet relattivament minimi li kien sejjer jimblokka zvilupp, certament kummercjali li jiffavorixxi l-privat, imma li indubbjament jiffavorixxi l-accessibilita' ghal kura medika b'mod

generali, u dana meta b'mod dirett, bhala konsegwenza ta' l-esproprju, l-istess esproprjat kien ser ukoll igawdi inkwantu l-inhawi kollha, fejn kellu proprjeta' ohra, kienet ser tigi, kif giet, attwalment apprezzata b'mod notevoli bl-istess zvilupp propost, kien, ghall-appellant, fatt pozittiv li avvantaggjah.

L-Istat certament kellu kull jedd li jassigura illi progett ta' fejda ta' din ix-xorta ma jigix indebitament ostakolat mill-interess privat, multo magis meta l-art esproprijata kienet ser tigi utilizzata ghall-fini ta' formazzjoni ta' toroq ghall-uzu pubbliku. Proprjament lanqas seta' jinghad li kien il-kaz illi l-Istat kien qieghed jesproprja art ta' haddiehor biex jghaddiha lil terzi, kif inhu spiss il-kaz, u dana b'mod perfettament legittimu, u ghal ghan lodevoli bhal *social housing* jew zvilupp ta' zoni industrijali. Kien aktar preciz li jinghad li l-esproprjazzjoni f'dan il-kaz saret ghall-gid tal-pubbliku, anke jekk tiffavorixxi lill-privat.

Din il-Qorti allura ma tarax li kellu jsib applikabilita' f'dan il-kaz il-provizo ta' l-art. 5 tal-Kap 88 li jipprevedi l-possibilita' li l-art tigi akkwistata "ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna ghal skop li ghandu x'jaqsam jew iservi ghall-interess pubbliku, jew utilita' pubblika". (Ara l-konsiderandi fil-kawza "Mary Rose Zahra vs. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent" deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1996). L-art. 2 tal-Kap 88 jiddefinixxi "skop pubbliku" bhala skop li ghandu x'jaqsam

ma' l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma', jew jiswa' ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern, sew jekk le) <u>jew ma', jew ghall-ippjanar ta' l-ibliet</u>.........." Il-formazzjoni tat-toroq hi parti ntrinsika u essenzjali mill-ippjanar, u l-jedd ta' l-amministrazzjoni pubblika li tesproprja art ghal dan il-fini ma jistax jigi diskuss sakemm ma jkunx kaz ovvju fejn ikun qed jigi favorit esklussivament l-interess tal-privat a skapitu u ghal zvantagg ta' l-esproprijat fl-izvilupp fejn il-kollettivita' u s-socjeta' ma jkollhom l-ebda interess. Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi insenjamenti taghha, fosthom fis-sentenza "Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et" li fuqha strah l-istess appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu "haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini". Fil-kaz taht ezami l-esproprjazzjoni manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita'.

Din il-Qorti allura ma tara xejn fl-aggravju ta' l-appellant illi b'xi mod idghajjef il-konsiderazzjonijiet validi ta' fatt u dritt li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant nomine.

Dep/Reg

mm